MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1071/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**Eman Ebejer**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Eman Ebejer ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Joseph u Mary neè Zammit, imwieled Pietà fil-25 ta’ Awwissu 1985 u residenti 178, Millennia, Triq San Pietru, Kirkop,detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 0439685(M), talli f’dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta’ Gunju u Ottubru 2013, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' diversi flus kontanti minn gewwa diversi vetturi, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' diversi persuni;
2. Nhar it-23 ta' Ottubru 2013, ghall-habta tal-11:00 hrs, minn gewwa Kristianne Pharmacy, Zurrieq, ikkommetta serq ta' ammont ta' flus, liema ammont ma jiskorrix il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Denise Ellul u jew/persuni ohra;
3. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjetament b'kull mod li jkun, indahhal biex ibieghhom jew imexxiehom;
4. Irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 14 ta' Mejju 2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Eman Ebejer kif ukoll tordna li s-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) bhala garanzija personali imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-Helsien mill-Arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) u (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament il-Personal Details' Form ta' l-imputat markata Dok. "KP1", stqarrija rilaxxjata mill-imputat markata Dok. "KP2", Dikjarazzjoni ta' Rifjut ta' Parir Legali markata Dok. "KP3", il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok. "KP4" u d-Digriet relattiv ghall-Helsien mill-Arrest moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta datat 14 ta' Mejju 2013 markat Dok."KP5";

Rat illi l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u rat li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu

zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn ix-xhur ta' Gunju u Ottubru 2013, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda: (i) ikkommetta serq ta' diversi flus kontanti minn gewwa diversi vetturi, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-haga misruqa ghad-dannu ta' diversi persuni; (ii) nhar it-23 ta' Ottubru 2013, ghall-habta tal-11:00 hrs, minn gewwa Kristianne Pharmacy, Zurrieq, ikkommetta serq ta' ammont ta' flus, liema ammont ma jiskorrix il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Denise Ellul u jew/persuni ohra; (iii) fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjetament b'kull mod li jkun, indahhal biex ibieghhom jew imexxiehom; u talli (iv) irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu. In oltre l-Prosekuzzjoni titlob sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 14 ta' Mejju 2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Eman Ebejer kif ukoll tordna li s-somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) bhala garanzija personali imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-Helsien mill-Arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) u (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dana baqa' hekk iwiegeb anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w

ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat u fid-dawl ta’ dak li rrizulta mill-atti tal-kawza u waqt is-smigh tas-26 ta’ Ottubru 2013, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, b’dana li tosserva illi t-tielet akkuza hija alternattiva ghall-ewwel zewg akkuzi. Madanakollu però u nonostante l-ammissjoni ta’ l-imputat il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 14 ta’ Mejju 2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta’ Eman Ebejer kif ukoll tordna li s-somma ta’ hamest elef Ewro (€5,000) bhala garanzija personali imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-Helsien mill-Arrest jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) u (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana billi l-Prosekuzzjoni ma ressiqtx l-akkuza idoneja tar-reat relattiv fil-konfront ta’ l-imputat.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, izda hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li mill-fedina penali ta’ l-imputat jirrizulta huwa già instab hati darb' ohra tar-reat ta’ serq. Il-Qorti però qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat esprima x-xewqa li jsegwi programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga proprio sabiex jipprova johrog mill-vizzju tad-droga li jinsab fih bhal’issa.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 49, 50, 271(g), 284 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-Helsien mill-Arrest datat 14 ta’ Mejju 2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta’ Eman Ebejer kif ukoll tordna li s-somma ta’ hamest elef Ewro (€5,000) bhala garanzija personali imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-Helsien mill-Arrest jghaddu favur

il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) u (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana billi l-Prosekuzzjoni ma ressiqtx l-akkuza idoneja tar-reat relattiv fil-konfront ta’ l-imputat izda li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, tikkundanna lill-imputat ghall-perijodu ta’ sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta’ Kordin sabiex jiehu l-mizuri kollha necessarji u mehtiega ghall-fini li l-imputat jinghata l-ghajnuna mehtiega, u dana permezz ta’ programm ta’ rijabilitazzjoni opportun, sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Din is-sentenza ghandha tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta’ Kordin.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------